MALTA

## QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

### MAGISTRAT DR.

### MIRIAM HAYMAN

Seduta tal-25 ta' Lulju, 2014

Numru. 529/1999

# Il-Pulizija

# Spettur Godwin Scerri

# VS

# Victor Tabone, iben Carmel k.a. Charles u Olga nee' Cassar, imwieled Floriana nhar l-20 ta' Settembru, 1958, residenti fil-fond numru 17, Flat 2, Pjazza Sir Luigi Preziosi, Furjana, detentur tal-karta tal-identita' numru 621058M;

**Il-Qorti;**

Rat l-akkuzi kontra ‘l hawn fuq imsemmi **Victor Tabone** li gie akkuzat talli:

1. F’dawn il-Gzejjer, bejn it-30 ta’ Dicembru, 1998 u d-19 ta’ April, 1999 u/jew fil-gimghat ta’ qabel, iffalsifika cedoli, poloz, ordni jew dokumenti ohra, illi meta jigu prezentati wiehed jista’ jircievi bihom hlas, jew jiehu l-konsinna ta’ oggetti jew jigbor depozitu jew rahan minn ufficju pubbliku, jew minn bank jew stabbiliment pubbliku iehor imwaqqaf jew maghruf b’xi att pubbliku tal-Gvern, u dan bi ksur tal-Artikolu 167 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

2. U aktar talli fl-istess data, hin, lok, u cirkostanzi, ghamel falsifikazzjoni f’att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummercjali jew ta’ bank privat, fuq akkont ta’ terzi persuni, b’falsifikazzjoni jew b’tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, billi holoq pattijiet, disposizzjonijiet, jew obbligi foloz jew helsien falz minn obbligi, jew billi dahhal dawk il-pattijiet, disposizzjonijiet, obbligi jew helsien minn obbligi, f’dawk l-atti jew skritturi wara li jkunu ffurmati, inkella billi zied jew biddel klawsoli, dikjarazzjonijiet, obbligi jew helsien minn obbligi f’dawk l-atti jew skritturi wara li jkunu ffurmati, inkella billi zied jew biddel klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawn l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw, u cioe’ cekkijiet tal-APS bank u cekk tal-Bank of Valletta, u dan bi ksur tal-Artikolu 183 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

3. U aktar talli fl-istess data, hin, lok, u cirkostanzi, xjentement ghamel uzu minn atti, kitba jew skritturi foloz, jigifieri cekkijiet u dan bi ksur tal-Artikolu 184 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

4. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, b’mezzi kontra l-Ligi, jew billi ghamel uzu ta’ ismijiet foloz, jew ta’ kwalifiki foloz, jew billi nqeda b’qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b’ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta’ intraprizi foloz, jew ta’ hila, setgha fuq haddiehor, jew ta’ krediti immaginarji, ghamel qliegh ta’ Lm686.00 (sitt mija u sitta u tmenin lira Maltin) ghad-dannu ta’ Guido Vella ta’ Westham House, Triq Karm Debono, Qormi, u dan bi ksur tal-Artikolu 308 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat li fl-interrogatorju, l-imputat wiegeb illi ma kinx hati tal-akkuzi kif migjuba kontra tieghu;

Rat l-Artikoli mibghuta mill-Avukat Generali, u cioe’:

a. Fl-Artikolu 167 tal-Kodici Kriminali;
b. Fl-Artikolu 183 tal-Kodici Kriminali;
c. Fl-Artikolu 184 tal-Kodici Kriminali;
d. Fl-Artikolu 308 tal-Kodici Kriminali.

Rat illi moqrija l-istess Artikoli, l-imputat wiegeb illi ma kellu ebda oggezzjoni ghal proceduri sommarji.

Rat l-atti kollha, u ezaminat ix-xhieda migbura.

Ghalhekk l-**<u>Ispettur Paul Camilleri</u>** dak iz-zmien xehed illi kien ircieva korrispondenza minn Dr Anthony Cutajar f'isem certu Guido Vella dwar erba' (4) cekkijiet mahruga mill-imputat lill-klijent tieghu Vella, li gew '*referred to drawer*'. Dawn kienu cekkijiet tal-APS Bank.

Xehed illi baghat ghal Victor Tabone u hadlu stqarrija (skont il-Ligi vigenti ta' dak iz-zmien), ezebita minnu bhala Dok VT a folio 5.

F'dan ir-rigward, il-Qorti *a priori* taghmel referenza ghal dak illi qalet il-Qorti tal-Appell Kriminali dwar l-istqarrijiet mehuda minghajr assistenza legali fis-sentenza fl-ismijiet "*Il-Pulizija vs Robert Busuttil*" deciza nhar l-20 ta' Frar, 2014 fejn intqal hekk:

"*Jibda biex jinghad illi l-kawza Kostituzzjonali Charles Stephen Muscat versus Avukat Generali ikkwotat aktar minn dak illi irriproduciet l-ewwel Qorti. F'pagna 12 tal-istess sentenza l-Qorti tal-Appell qalet, "Ghalhekk, li trid taghmel din il-Qorti ma huwa la li tara jekk l-attur huwiex hati jew le tal-akkuzi li ngiebu kontrih u lanqas li tara biss jekk l-attur kellux l-ghajnuna ta' avukat waqt interrogazzjoni u tieqaf hemm: li ghandha taghmel din il-Qorti hu li tara jekk dak in-nuqqas wassalx ghall-ksur tal-jedd ta' smigh xieraq u jekk inholoqx il-periklu illi l-attur jinstab hati meta ma kellux jinstab hati. Jekk ma hemmx dak il-periklu, mela ma hemmx ksur." F'paragrafu 33 tal-istess sentenza jkompli jinghad, "... l-imhallef togat sejjer iwissi lill-gurati bil-perikolu illi*

*joqghodu biss fuq l-istqarrija meta jiddeciedu dwar il-htija, bla ma jqisu l-provi l-ohra, u illi l-imhallef sahansitra jista' jwissi lill-gurati biex jiskartaw l-istqarrija jekk tingieb xhieda ... li l-istqarrija ttiehdet bi vjolenza, qerq jewe theddid ...".* Din is-*sentenza giet ikkwotata b'success fil*-kawza l-ohra John Attard versus Onorevoli Prim Ministru u l-Avukat Generali u kompliet tghid, "Ebda Qorti f'ebda hin ma stabbiliet principju universali li nuqqas ta' assistenza legali waqt interrogazzjoni awtomatikament jirrizulta f'lezjoni ta' dritt ghal smigh xieraq." (pagna 10).

Din il-Qorti kif preseduta kellha l-okkazjoni ukoll tippronuncja ruhha ukoll fuq dan il-punt fil-kawza Il-Pulizija versus Paul Cutajar (Appell Inferjuri) Ghawdex fit-tmintax (18) ta' Gunju elfejn u tlettax (2013) fejn ikkristallizzat is-sitwazzjoni f'dan il-bran: "Dwar dan l-ahhar ilment l-istqarrija kellha tkun sfilzata il ghaliex l-appellant ma kienx assistit fil-bidunett tal-arrest tieghu, din il-Qorti taghmel riferenza ghal decizjonijiet moghtija recentement (ara fost ohrajn Charles Stephen Muscat versus Avukat Generali u Ganni Attard versus Avukat Generali) fejn din il-kwistjoni giet trattata u l-Qorti irrilevat li mhux kull nuqqas ta' assistenza legali ghandha twassal ghan-nullità tal-istqarrija, izda l-Qorti ghandha tara jekk l-istqarrija hijiex korroborata minn xhieda ohra u kemm l-akkuzat huwa persuna vulnerabbli illi seta' facilment ikun impressjonat jew influwenzat mill-fatt illi kien qieghed jigi interrogat mill-*pulizija."*

Ghalhekk meta l-Qorti tkun qieghda tikkunsidra l-valur probativ ta' stqarrija f'dawn ic-cirkostanzi trid tqis ukoll il-vulnerabiltà tal-persuna arrestata u l-età taghha huwa fattur

*importanti ghax hekk biss tista' tevita l-periklu illi tasal ghall-konkluzjoni illi persuna tinstab hati meta ma kellux jinstab hati.*"

Taghmel referenza wkoll ghal dak illi ntqal fis-sentenza fl-ismijiet "*Il-Pulizija (Spt Dennis Theuma) vs Omar Psaila*" tal-20 ta' Gunju, 2014, fejn intqal hekk:

"*Illi madankollu tajjeb jiġi osservat illi wieħed jista' jgħid li l pożizzjoni legali f'pajjizna għal dak li jirrigwardja sitwazzjonijiet simili (li okkorrew qabel l-emendi fil-ligi fl istess rigward) hija dik stabbilita fis-sentenza tal- Qorti Kostituzzjonali fil-kawża fl-ismijiet "John Attard vs L-Onorevoli Prim Ministru u l-Avukat Ġenerali" deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fil-31 ta' Mejju 2013. Għaldaqstant il-Qorti se tagħmel din ir-referenza ampja għal dik is-sentenza:*

*"Tajjeb illi qabel xejn ngħidu illi l-Qorti Ewropeja tad Drittijiet tal- Bniedem ma waslix biex tgħid illi n-nuqqas ta' għajnuna ta' avukat awtomatikament, ipso facto u immedjatament huwa ksur tal-jedd għal smigħ xieraq. Tassew, dik kienet ix-xewqa tal-Imħallef Bratza fl-opinjoni separata li ta fil-każ ta' Salduz:*

*". . . the Court should have used the opportunity to state in clear terms that the fairness of criminal proceedings under Article 6 requires that, as a rule, a suspect should be granted access to legal advice from the moment he is taken into police custody or pre-trial detention."*

*Il-Qorti Ewropeja iżda ġustament ma adottatx din il pożizzjoni estrema.*

*Kif ġja' kellha okkażjoni illi tosserva, din il-Qorti ttenni illi l-jedd ta' għajnuna ta' avukat waqt l-interrogazzjoni jingħata mhux biex tinħoloq formalita li n-nuqqas tagħha jagħti mezz ta' difiża lill-akkużat:*

*dak il-jedd jingħata għall-iskop preċiż illi jkun hemm garanzija illi kull stqarrija mogħtija mill-persuna interrogate tkun ingħatat b'għażla ħielsa, b'għarfien tal-jedd li jibqa' sieket, u bla theddid, wegħdiet, vjolenza jew b'xi mod ieħor abbużivament. Il-ksur tal-jedd għal smigħ xieraq iseħħ meta l-istqarrija tittieħed abbużivament u mhux bil-fatt biss li tkun ittieħdet mingħajr l-għajnuna ta' avukat.*

*Il-kwistjoni għalhekk għandha tkun jekk l-attur kienx daqshekk f'pożizzjoni ta' vulnerabilita, djgħufija jew biża' illi l-esperjenza ta' interrogazzjoni mill-pulizija fl-assenza ta' avukat kellha nfluwenza fuqu hekk li ġġiegħlu jistqarr ħtijiet u fatti li ma għandhomx mis-sewwa u li għalhekk toħloq il-perikolu li jinstab ħati meta fil-verita' ħati ma jkunx."*

Ghalhekk il-Qorti tqis din l-istqarrija bhala wahda ammissibbli, anke tenut kont tal-fatt illi s-Surgent 130 Ivan Cilia kkonferma li l-imputat gie moghti d-debita twissija, u anke li ghazel illi jiffirma l-istess.

Guido Vella hawn kellu erbghin (40) sena.

Victor Tabone fl-istqarrija qal illi kien jaf lil Guido Vella ghax minghandu kien jixtri xorb alkoholiku mill-agenzija ta'

dan Vella. Qal illi kien ihallsu b'cekk illi kien jiffirmah hu fuq ismu. Muri erba' (4) cekkijiet mahruga mill-APS Bank u iehor mill-Bank of Valletta, ammetta li kien hareg dawn ic-cekkijiet hu biex ihallas lil Guido Vella ta' Westham House, Qormi. Qal illi kien iffirmahom hu. Qal illi dawn ma gewx onorati ghax ma kinx hemm fondi fid-data li harighom. L-ewwel jghid pero li ma kinx jaf li ma kellux fondi fil-kont, imbaghad qal illi l-verita' kienet li hu hareg ic-cekkijiet meta kien jaf illi ma kinx hemm fondi fil-kont tieghu biex dawn jigu onorati.

Minn naha tieghu **Guido Vella** xehed illi l-imputat mar jixtri x-xoghol minghandu, u hallsu b'hames(5) cekkijiet illi meta ddepozitahom marru lura '*referred to drawer*'. Semma c-cekkijiet ta' mija u wiehed u hamsin lira Maltin u tletin centezmu (Lm151.30) datat 26 ta' Settembru, 1999; iehor ghall-ammont ta' mija u sebghin lira Maltin (Lm170.00) datat hmistax ta' Marzu, 1999; iehor ghall-ammont ta' mija u sebgha u tletin lira Maltin u tliet centezmi (Lm137.03) datat 30 ta' Dicembru, 1998; iehor fl-ammont ta' wiehed u disghin lira Maltin u tlettax-il centezmu (Lm91.13) datat dsatax ta' April, 1999; u iehor fl-ammont ta' mija u sitta u tletin lira Maltin u hamsin centezmu (Lm136.50) datat 8 ta' Frar, 1999. Dawn gew ezebiti bhala Dok GV sa Dok GV4. Qal illi dwar dawn ic-cekkijiet hu kien kellem lill-imputat li kien qallu biex jiehu pacenzja, biex jghidlu li jista' jiddepozitahom pero kollha gew '*referred to drawer*'.

**Tancred Mizzi**, Manager tal-Bank of Valletta, xehed dwar ic-cheque numru 69 mahrug minn Victor Tabone ghall-ammont ta' wiehed u disgin lira Maltin u tlettax-il centezmu

(Lm91.13) datat 19 ta’ April, 1999 mahrug a favur Guido Vella, dan ma giex onorat ghax ma kinx hemm fondi.

<u>**Sandro Montebello**</u> bhala clerk mal-APS bank, branch tal-Furjana, xehed dwar cekkijiet illi gew prezentati aktar minn darba, bin-numri 359, 358, 323, u 340 (ara Dok GV). Dawn inhargu mill-kont bin-numru 11400130014, firmatarju tal-kont Victor Tabone li hu gharaf bhala l-imputat fl-Awla. Qal illi kien kaxxier u kemm-il darba qdieh. Qal illi dawn ic-cekkijiet gew prezentati kemm-il darba, u dejjem gew ‘*referred to drawer*’. Qal illi kull meta gew prezentati qatt ma kien hemm fondi fil-kont.

Ezebixxa l-fotokopja tac-cekkijiet in kwistjoni bhala Dok SM, fil-fatt hemm ukoll statement li juri li l-kont kien dejjem ‘*in debit*’, meta nhargu c-cekkijiet kif hemm immarkat (folio 33 – 44).

Aktar tard dan ix-xhud anke ezebixxa l-*specimen signature* bhala Dok SM; u *statement* ezebit bhala Dok SM1, li juri *overdraft facility* maqbuza kull darba li nhargu c-cekkijiet fuqha, koncernanti din il-kawza.

Minn naha tieghu Dr Anthony Cutajar ikkonferma (dak iz-zmien fis-sena 2001), illi l-imputat, kif kien obbliga ruhu fil-verbali precedent, kien qieghed ihallas dak dovut lil Guido Vella b’rati mensili. Fil-fatt dan kien anke xehdu aktar tard l-istess Guido Vella.

F’seduta aktar ricenti (stante li din il-kawza ghar-ragunijiet li ser jigu spjegati aktar ‘l isfel, hadet snin biex tinstema’), Dr

Anthony Cutajar ikkonferma li s-somma dovuta lil Guido Vella kienet kollha giet saldata mill-imputat.

Ghandu wkoll jinghad illi Dr Anthony Cutajar kien iddikkjara dan gia' mis-sena 2001.

**Lorna Aquilina** ghall-APS Bank prezentat minn naha taghha *statements* li l-bank kien jibghat lill-imputat dwar l-istat tal-kont bhala Dok PC1 (folio 118); Dok PC folio 117 l-*particulars* tal-imputat; u Dok PC2 l-indirizz illi l-bank kien jibghat l-*statements* fuqu.

Moqrija l-Artikoli kif gia' fuq espost, darba maghluqa l-provi tal-Prosekuzzjoni, u allura l-kawza giet imhollija ghall-provi tad-Difiza, ghal snin **twal** ma gara xejn.

Anzi tista' tghid illi la l-imputat, u wara xi zmien lanqas l-Ufficjal Prosekutur ma dehru aktar. Kien biss wara li l-Qorti bdiet tikkomunika mill-Kummissarju tal-Pulizija, issa anke fl-ahhar gie notifikat l-imputat li ma deherx pero.

Hawn il-Qorti anke wara li giet infurmata li l-imputat kien indispost biex jitla' l-Qorti, ordnat li dan jigi nvistat minn Dr Mario Scerri. Ghalhekk Dr Mario Scerri prezenta r-relazzjoni tieghu a folio 209 bhala Dok MS fejn ikkonkluda li Victor Tabone kien fil-fatt f'kundizzjoni li jitla' l-Qorti jattendi ghas-seduti u jsegwi dak kollu li kien qed jinghad.

Ghalhekk fl-ahhar deher l-imputat. Dehru wkoll Dr Anthony Cutajar li rega' ddikkjara li Gwido Vella ma kien baqaghlu

ebda pretensjoni kontra l-imputat in kwantu l-ammont kien ilu snin twal li gie mhallas.

Illi ghalhekk in vista' tal-fatt illi fil-fatt qatt ma ngabu provi in difesa, il-Qorti ghaddiet biex tiddeciedi din il-kawza fuq il-provi Lilha mressqa.

Bazikament il-provi mressqa kemm dawk tal-APS Bank u tal-Bank of Valletta, it-tnejn juru li bla dubbju l-akkuzat beda johrog cheques ben konsapevoli li hu kien ferm *overdrawn* mill-kontijiet tieghu, allura certament ma setghux jigu onorati"

Pero dan *risultando* xorta ma jfissirx illi l-Prosekuzzjoni rnexxiela tipprova li l-imputat ghamel xi falsfikazzjoni f'att awtentiku u pubbliku, jew xi skritturi kummercjali jew skritturi ta' bank privat, jew li jaghmel uzu ta' tali dokumenti. Dak li ghamel l-imputat mhux li ffalsifika xi cheque minn tieghu jew ta' xi kont iehor, imma hareg cheques ripetutivament meta kien jaf li ma setghu qatt jigu onorati.

Varji kienu d-decizjonijiet tal-Qrati taghna (Pul vs Petroni, u Pul vs Willghouby per ezempju) li stabbilew illi l-fatt biss li jkun inhareg *cheque* li ma setax jigi onorat ma jwassalx ghal frodi. L-Artikolu 308 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta bhala element kostituttiv tieghu jinhtieg l-element tal-"*messa in scena*" – dak l-atteggjamenet kwazi teatrali li jwassal ghall-ingann, raggiri li jwasslu ghal twemmin ta' dak illi ma jezistix. L-imputat fil-fatt baqa' konsistenti fil-hrug ripetuttiv

ta' cekkijiet li anke *ex admissis* kien jaf illi ma setghux jigu onorati, u baqa' jaghti lill-kreditur stampa opposta - stampa li gieghlet lill-kreditur jemmen illi fil-fatt il-hlas kien ser isir, allura mieghu ghamel in-negozju.

Konsegwentement, il-Qorti qieghda ssib htija wara li rat l-Artikoli 308, 309, u 310 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Tilliberah pero mill-akkuzi l-ohra kollha in kwantu ma jirrizultawx.

Rat ukoll illi fil-mori tal-proceduri, Victor Tabone hallas dak dovut lill-kwerelant.

Ghaldaqstant, tenut dan kollu, tenut anke l-istat verament prekarju ta' sahha tal-imputat, qieghda tilliberah bil-kundizzjoni li m jaghmilx reat iehor fi zmien tlitt (3) snin, u dan wara li rat l-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------